MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 428/2012

**Atlas Healthcare Insurance Agency Limited (C32603)**

**vs.**

**Flexiline Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-Socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf mitejn u tmienja u tmenin Ewro u erbghin centezmu (€1,288.40c), minghand is-Socjeta′ konvenuta – rapprezentanti bilanc ta' premium in konnessjoni mal-hrug ta' polza ta'assikurazzjoni fuq istruzzjonijiet tal-konvenuta, bin-numru 00006324 – kont numru 097610.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-Socjeta` konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta` attrici u l-fatt li s-socjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-Socjeta` konvenuta thallas lis-Socjeta` attrici is-somma ta’ elf mitejn u tmienja u tmenin Ewro u erbghin centezmu (€1,288.40c), bl-imghax legali dekorribbli mill-11 ta’ Jannar 2011 kif mitluba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a kariku tas-Socjeta′ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------